MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tad-9 ta' Settembru, 2008

Rikors Numru. 914/2006

**CARMELO CARUANA FREEPORT OPERATIONS LIMITED**

**vs**

**MEDOFFSHORE LIMITED** reġistrata l-Ingilterra, Paul Pisani u Mario Degiorgio

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fid-9 ta’ Ottubru, 2006, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, r-rikorrent eżekutat Paul Pisani (aktar ’il quddiem imsejjaħ “l-eżekutat”) talab li din il-Qorti (a) tħassar il-Mandat kawtelatorju ta’ Sekwestru maħruġ kontrih (u oħrajn) mill-intimata eżekutanti Carmelo Caruana Freeport Operations Limited (aktar ’il quddiem imsejħa l-“eżekutanti”) fl-24 ta’ Awwissu, 2006, għall-finijiet tal-artikolu 836(1)(a)(b)(d) u (f) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta; u (b) tikkundanna lill-istess eżekutanti tħallsu penali għall-finijiet tal-artikolu 836(8) tal-istess

Kodiċi u (ċ), fin-nuqqas li tħassar il-Mandat, li tordnalha tressaq garanzija xierqa biex tagħmel tajjeb għad-danni mġarrba minnu minħabba dak il-Mandat, u, fin-nuqqas ta' l-għoti ta' din il-garanzija, li tħassar il-Mandat;

Rat id-degriet tagħha tas-16 ta' Ottubru, 2006, li bih ordnat in-notifika lill-intimata eżekutanti u appuntat ir-Rikors għas-smigħ tal-24 ta' Ottubru, 2006;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimata eżekutanti waqt is-smigħ tal-24 ta' Ottubru, 2006, li biha laqgħet għat-talbiet tal-eżekutat billi qalet li ma hemm l-ebda raġuni tajba għaliex il-Mandat għandu jitħassar, u dan kemm fuq livell ġenerali u kif ukoll għar-raġunijiet speċifiċi li jallega l-eżekutat. Iżżid tgħid li lanqas jirriżultaw l-elementi meħtieġa biex hija tkun kundannata tħallas il-penali mitluba mill-eżekutat u lanqas li tintrabat bit-tressiq tal-garanzija biex tagħmel tajjeb għad-danni u l-ispejjeż tal-Mandat li l-eżekutat jgħid li ġarrab;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti tal-Mandat kawtelatorju li għalih jirreferi r-Rikors tal-lum;

Rat id-degriet tagħha tas-7 ta' Frar, 2007, li bih ħalliet il-kawża għall-provvediment;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni maħsuba taħt l-artikolu 836 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Ir-rikorrenti jrid li jitneħħew l-effetti ta' Mandat kawtelatorju ta' Sekwestru maħruġ kontrih (u kif ukoll kontra oħrajn) mill-kumpannija eżekutanti fl-24 ta' Awwissu, 2006;

Illi b'rikors li jixbah dak tal-eżekutat, imressaq minn eżekutat ieħor fl-atti tal-istess Mandat, Mario Degiorgio[1], intalbu l-istess talbiet għat-tħassir tal-Mandat u dwar l-

[1] Rik. Nru. 913/06JRM

istess kawżali. Kemm hu hekk, ir-rikors taż-żewġ eżekutati jixbhu 'l xulxin kelma b'kelma;

Illi dwar dak ir-rikors l-ieħor, din il-Qorti illum ukoll tat il-provvediment tagħha, u għalhekk, hija qiegħda tirreferi għal kollox għal dak il-provvediment u tagħmlu jgħodd għal dan ukoll biex ma jkunx hemm ripetizzjoni bla bżonn;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda tipprovdi dwar ir-Rikors tar-rikorrenti Paul Pisani billi:

**Tiċħad it-talbiet tiegħu** bħala mhux mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt, bl-ispejjeż kontra tiegħu.

Mogħti kameralment illum, id-9 ta' Settembru, 2008.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------